

## IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Ġunju 2021 – L-Italja u Spanja vs Il-Kummissjoni

(Kawżi T-695/17 u T-704/17) <sup>(1)</sup>

*(“Sistema lingwistika – Avviż ta’ kompetizzjonijiet miftuħa għar-reklutaġġ ta’ tradutturi tal-lingwa Ġermaniża, dik Franċiża, Taljana u Olandiża – Limitazzjoni tal-għażla tal-lingwi 2 u 3 tal-kompetizzjonijiet għall-Ġermaniż, l-Ingliż u l-Franċiż – Regolament Nru 1 – Artikolu 1d(1) u (6), Artikolu 27 u Artikolu 28(f) tar-Regolamenti tal-Persunal – Diskriminazzjoni bbażata fuq il-lingwa – Interessi tas-servizz – Proporzjonalità – Obbligu ta’ motivazzjoni”)*

(2021/C 310/20)

Lingwi tal-kawżi: it-Taljan u l-Ispanjol

### Partijiet

Rikorrent fil-Kawża T-695/17: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: G. Palmieri, aġent, assistit minn P. Ġentili, avvocato dello Stato)

Rikorrent fil-Kawża T-704/17: Ir-Renju ta’ Spanja (rappreżentant: L. Aguilera Ruiz, aġent)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Gattinara, D. Milanowska, N. Ruiz García u L. Vernier, aġenti)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-avviż ta’ kompetizzjonijiet miftuħa organizzati sabiex jinħolqu listi ta’ riserva għar-reklutaġġ ta’ tradutturi (AD 5) tal-lingwa Ġermaniża (EPSO/AD/343/17), tal-lingwa Franċiża (EPSO/AD/344/17), tal-lingwa Taljana (EPSO/AD/345/17), u tal-lingwa Olandiża (EPSO/AD/346/17) (ĠU 2017, C 224 A, p. 1).

### Dispożittiv

- 1) Il-Kawżi T-695/17 u T-704/17 huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.
- 2) L-avviż ta’ kompetizzjonijiet miftuħa organizzati bil-ħsieb li jiġu stabbiliti listi ta’ riserva għar-reklutaġġ ta’ tradutturi (AD 5) tal-lingwa Ġermaniża (EPSO/AD/343/17), tal-lingwa Franċiża (EPSO/AD/344/17), tal-lingwa Taljana (EPSO/AD/345/17), u tal-lingwa Olandiża (EPSO/AD/346/17) hija annullata.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti mir-Repubblika Taljana fil-Kawża T-695/17 u dawk sostnuti mir-Renju ta’ Spanja, fil-Kawża T-704/17.

<sup>(1)</sup> ĠU C 424, 11.12.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta’ Ġunju 2021 – Krajowa Izba Gospodarcza Chłodnictwa i Klimatyzacji vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-126/19) <sup>(1)</sup>

*(“Ambjent – Regolament (UE) Nru 517/2014 – Gassijiet serra fluworurati – Allokazzjoni ta’ kwoti għat-taqegħid ta’ idrofluworokarburi fis-suq – Eċċezzjoni ta’ illegalità – Artikolu 16 u Annessi V u VI tar-Regolament Nru 517/2014 – Prinċipju ta’ nondiskriminazzjoni – Obbligu ta’ motivazzjoni”)*

(2021/C 310/21)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

### Partijiet

Rikorrent: Krajowa Izba Gospodarcza Chłodnictwa i Klimatyzacji (Varsavja, il-Polonja) (rappreżentant: A. Galos, avukat)